# Il-Modern Art Circle

## 1. Daħla

Il-formazzjoni tal-Modem Art Circle (minn issa ’l quddiem ser nirreferi għalih bħala l-M.A.C.) fl-1952 kienet ilha tintgħaġen bil-mod il-mod għal diversi snin. Lura għas-sena 1947 meta l-istudenti tal-arti kienu jimxu skrupolożament fuq il-metodoloġija tal-Iskola tal-Arti, dawn kienu diġà qegħdin jaħsbu kif se jilliberaw ruħhom mit-toqol tal-prattika tal-arti tradizzjonali. Ma kinux xi ribelli. Kollha kienu jaħdmu bis-sħiħ biex jirbħu borża ta’ studju u jmorru jistudjaw Ruma - opportunità li kienet tiġi kull erba’ snin. Kienet saret tradizzjoni li l-aħjar student fil-pittura u ieħor fil-mudellatura jintbagħtu Ruma biex jipperfezzjonaw l-edukazzjoni artistika tagħhom. Dan kien l-għan ewlieni tagħhom (Sammut 17).

## 2. Il-Bidu

Il-M.A.C. ġie mwaqqaf wara li ħafna mill-artisti Maltin kellhom diġà l-esperjenza li jmorru jistudjaw barra. L-esperjenza barra minn gżiritna f’ċentri artistiċi bħal Ruma, Pariġi u Londra swiet ta’ spunt biex dawn iż-żgħażagħ Maltin jintroduċu spirtu ta’ tiġdid. Fl-1948 George Preca kellu wirja personali fil-Hotel Phoenicia li żrat iż-żerriegħa għal tendenzi moderni. Wara li Antoine Camilleri ġie lura minn Franza fl-1950 huwa wera x-xogħol li kien pitter maġenb il-pulizija tat-traffiku fit-toroq ta’ Pariġi u ġewwa l-Katidral ta’ Notre Dame. Wara saru wirjiet oħra bħal dik ta’ Frank Portelli, li kien irritorna minn Londra wara borża ta’ studju, kollu entużjażmu li ta l-frott tiegħu wkoll fit-tkattir ta’ idjoma moderna fl-arti Maltija. Dawn l-isforzi bdew jidhru sew fin-nofs tas-snin ħamsinijiet u sittinijiet. Jidher ċar li l-esperjenza tal-artisti Maltin barra minn Malta kienet strumentali u ta’ fejda kbira biex f’Malta jidħlu dawn l-ideat ġodda. Bħal riedu joħolqu f’Malta l-ispirtu ta’ dak li raw u ħassew barra. Artisti bħal George Preca, Antoine Camilleri, Esprit Barthet, Frank Portelli, Joseph M. Borg Xuereb, Emvin Cremona, George

Fenech, Hugo Carbonaro, Samuel Bugeja, kollha studjaw fi skejjel tal-arti barra u meta ġew lura Malta ma sabu l-ebda ċentru fejn setgħu jiltaqgħu. L-Iskola tal-Arti fil-Belt kienet aktar post fejn kienu jistudjaw l-istudenti milli għall-artisti propji. Wara xi konferenzi pubbliċi bħal dawn f'istituti li ssemmew aktar kmieni, l-artisti kienu jattendu bi ħġarhom u wara jiltaqgħu għal xi kafè għand Cafè Cordina l-Belt stess, jew għand Malata, bar u restorant diskret ħdejn il-Main Guard f'Pjazza l-Palazz il-Belt.

Pittura ċkejkna 23 ċm x 30 ċm ta' Esprit Bartħet li jisimha 'Cafè Premier' li ġġib id-data tal-1956 turi xena ta' dawn il-laqgħat. Il-pittura turi ċar lill-pittur Antoine Camilleri bilqiegħda fuq in-naħa tax-xellug, medhi jiddiskuti.

## 3. Qawmien ta' ideat ġodda

Kien żmien meta l-artisti kienu anki jkunu akkompanjati min-nisa tagħhom. Esprit Barthet kien jiftakar sew iż-żmien meta kien għadu student jiltaqa' ma' Willie Apap għal xi kafè u waqt li jkunu bilqiegħda kienu jiddisinjaw lin-nies f'dan l-ambjent. Anki aktar tard meta Barthet laħaq għalliem tal-arti fl-iskola ta' filgħaxija, li kienet dak iż-żmien fi Strada Brittania, Valletta, kien imur sal-Cafè Premier u jitkellem mal-Kav. Vincent Apap u Antoine Camilleri, u jibqgħu hemm sakemm in-nisa tagħhom kienu jiġu għalihom aktar tard. Għalkemm dan il-kwadru jġib is-sena 1956, jiġifieri ftit snin wara t-twaqqif tal-M.A.C., juri ċar l-importanza li kellhom dawn il-laqgħat għall-artisti. Din il-pittura hija l-unika pittura li tfakkar dawn il-laqgħat. Jeżistu xi disinji bil-pinna u l-linka ċkejkna ferm, ftit akbar minn bolla, ta' Willie Apap, li jfakkru l-istess avvenimenti.

L-artisti Maltin ħassew il-bżonn li jiffurmaw ċirklu ta' bejniethom li ma kienx ikun ibbażat fuq diskussjonijiet biss imma bit-tir li permezz tal-wirjiet tagħhom iqajmu dawn l-ideat ġodda li bdew iberrnu f'moħħhom. Bdew jikkuntemplaw l-idea li jiffurmaw assoċjazzjoni apposta għall-artisti bl-iskop li jkunu jistgħu juru x-xogħol

tagħhom lill-pubbliku Malti u b'dan il-mod iħallu l-ideat friski tagħhom jinfiltraw fis-soċjetà Maltija. L-ewwel grupp li ltaqa' u ftiehem li jiġi ffurmat l-M.A.C. kien magħmul minn Frank Portelli, Joe Muscat u J.M. Borg-Xuereb. Aktar tard ingħaqdu Joe Caruana, Joe Calleja, John Fenech, Hugo Carbonaro, Oliver Agius, Antoine Camilleri, Frank Baldacchino u Samuel Bugeja. Kienu ħdax u t-tnax-il membru kien George Preca li ngħaqad bla tlaqliq u b'kunsens ġenerali laħaq immedjatament bħala l-ewwel president ta' dan iċ-ċirklu. George Preca kien diġà magħruf sew f'dan iż-żmien. Artiklu miktub minn Mlle. Elizabeth de Manneville mill-mużew tal-Louvre ġewwa Pariġi faħħar sew dan l-artist Malti (de Manneville).

## 4. L-Għan taċ-ċirklu

L-għan ewlieni tal-M.A.C. kien li jintroduċi f'Malta l-idjomi tal-espressjoni moderna. Din kienet esperjenza u avventura ġdida għall-gżira, u ma teżisti l-ebda prova dokumentata li tgħid li 'l-intenzjoni (ta' dan iċ-ċirklu ta' artisti) kien li jixxokkja l-pubbliku Malti jew li joħloq polemiċi...' (Fenech 28). Dan il-grupp organizza numru sabiħ ta' wirjiet li kienu maħsuba li jippreżentaw elementi ġodda fl-ambjent Malti. Hija tentazzjoni kbira li dan il-grupp jiġi mfisser f'termini ta' grupp eroj u li noħolqu stejjer dwar dawn il-pijunieri tal-Arti Moderna f'pajjiżna. Ineżattezzi ta' dan it-tip tfasslu wkoll madwar il-personalità tal-pittur George Preca. Meta x-xogħol ta' dan jiġi analizzat bir-reqqa (ta' lanqas dawk li huma possibbli li tistudja f'kollezzjonijiet privati f'Malta) wieħed ma jsibx traċċi revoluzzjonari. Ir-ritratti ta' personalitajiet li pitter fil-maġġoranza tagħhom huma kollha maħduma f'idjoma tradizzjonalista, skont kif kien meħtieġ minn min ikun ikkommissjonah. In-natura morta tiegħu biss, maħduma fis-snin ħamsinijiet u l-bidu tas-sittinijiet huma b'tendenzi kubisti u ta' natura Picassjana. Imma anki l-'collages' ta' Esprit Barthet ta' dan il-perjodu għandhom l-istess spirtu innovattiv. Preca kien sar mitiku minħabba l-inċidenti li kienu żviluppaw madwar il-kummissjoni tal-kruċifissjoni għall-knisja ta' Stella Maris f'Tas-Sliema u li issa tinsab fil-knisja tal-Madonna tal-Ħniena fiż-Żejtun. Anki meta wieħed jistudja sew

il-buzzett ta' dan il-kwadru, jidher ċar li fih m'hemm xejn li jixxokkjak. L-elementi innovattivi li fih huma: (a) li s-salib qiegħed impitter la ġenba - pożizzjoni mhux tas-soltu; u (b) il-buffura riħ, li tinħass fil-kwadru u li ddur mal-figuri kollha hekk kif taħkem il-ħwejjeġ tagħhom li bħal qlugħ jinfetħu u jogħlew lejn id-direzzjoni tar-riħ.

## 5. Xogħol revoluzzjonarju

Ix-xogħol kien ikkonsidrat revoluzzjonarju għaliex ma kienx aċċettat bħala kwadru devozzjonali, li tista' tinġabar u titlob quddiemu, għallanqas din kienet il-kritika fiż-żmien li sar (Gauci 21). L-istejjer l-oħra kollha li jingħadu huma ħafna drabi ivvintati madwar.dan l-episodju u m'għandhomx bażi.

F'dan il-perjodu f'Mejju - Lulju tal-1951 dehru sensiela ta' artikli fil-gazzetti lokali dwar x'kien jinħass u x'qiegħed jingħad fuq l-arti moderna f'Malta. S. Casabene kien wieħed minn dawn il-kontributuri prinċipali u kien jikteb paragrafi shaħ provokattivi bħal 'The Present State of Art in Malta'. Kitba oħra kienet ta' J.F. Muscat u l-argumenti kienu tant jaħarqu li l-editur eventwalment kellu jwaqqaf u jagħlaq kull korrispondenza dwar is-suġġett.

## Biblijografija

De Manneville, Elizabeth. "Malta - Un Artista Nostro". *Louvre* 21 ta' Lul. 1952. Stampat.

Fenech, Victor (Ed.). *Malta: Six Modern Artists*. Malta: Malta University Services, 1991. Stampat.

Gauci, Gino (Ed.). *Sacred Art in Malta 1890 - 1960*. Malta: Said International Ltd., 1990. Stampat.

Sammut, Edoardo. *Profili di Artisti Maltesi.* Malta: Lux Press, 1937. Stampat.

Silta addattata minn *L-Arti Moderna*, ta' Joseph Paul Cassar, PIN, 2000.